MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru. 523/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK AGIUS**

**VS**

**JOSEF BORG**
**DARYL MARK PACE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Borg, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 578391 (M) u l-imsemmi Daryl Mark Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 440092 (M).

**Akkuzat talli:**

Lil Daryl Mark Pace billi huwa akkuzat talli:

Nhar it-28 ta` Mejju 2014 ghal habta tat-tlieta u nofs ta` wara nofsinhar (15:30hrs) gewwa Triq l-Imdina Hal-Qormi u f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jaghmel delitt ta` serq minn gewwa l-kazin tal-Bocci ta` San Bastjan, fi Triq l-Imdina, Hal-Qormi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta` elfejn, tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok ghad-detriment ta` Emmanuel Ciappara u / jew persuna jew persuni ohra;
U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta` hsara ma jiskorrix il-mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta` Emmanuel Ciappara u / jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta` sentenza ta` sentejn prigunerija sospizi ghal erba` snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D., nhar it-18 ta` Novembru 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex titratta ma` Daryl Mark Pace bhala recidiv ta` sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Josef Borg billi akkuzat talli:

Nhar it-28 ta` Mejju 2014, ghal habta tat-tlieta u nofs ta` wara nofsinhar (15:30hrs) gewwa Triq l-Imdina, Hal-Qormi, u f'dawn il-Gzejjer b'xi mod, xjentement ghen jew assista lil Daryl Mark Pace, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati mill-Prosekuzzjoni;

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet lilhom addebitati u wara li nghataw zmien xieraq ghall-ripensament fejn ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-Artikoli 42 (d), 41 (1) (a), 325 (1) (b), 289, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 392 (A) u wara li rat l-ammissjonital-imputat, il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza;

Fir-rigward tal-imputat Josef Borg, dina l-Qorti qiedgha tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) a tenur tal-artikolu 28 (A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, izda tordna li t-tali s-sentejn (2) ma jibdewx jghoddu sakemm huwa jigi hati ta` reat iehor li jgib mieghu piena ta` prigunerija fiz-zmien sentejn (2) mil-llum.

Il-Qorti tordna wkoll ordni ta` supervizjoni ghal perjodu ta` sentejn (2) a tenur tal-artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta, li nkarrigart jirrapporta kull tlett xhur dwar l-andament fis-socjeta` u specjalment li huwa jahdem fejn qieghed ghalissa. Dan il-Qorti qed taghmlu wara li hadet in konsiderazzjoni s-segwenti:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat;

2. L-apologija tal-istess imputat u l-offerta ta` risergiment tad-danni;

3. Il-fatt illi l-imputat qed jahdem u ghalhekk ma ghandux ikun ta` piz fis-socjeta`;

4. Ir-rapport ta` Joanna Farrugia li jesprimi fiducja fil-futur tal-imputat.

Il-Qorti fir-rigward ta` Daryl Mark Pace, qed terga` testendi ghal darb’ohra s-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, LL.D., fit-18 ta` Novembru, 2010, kif estiza mill-Magistrat N. Galea Sciberras, LL.D. fl-14 ta` Marzu, 2014, a tenur tal-artikolu 28B (2) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tordna wkoll ordni ta` supervizjoni ghal perjodu ta` sentejn (2) a tenur tal-artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta, li nkarrigart jirrapporta kull tlett xhur dwar l-andament fis-socjeta` u specjalment li huwa jibqa` jahdem. Dan il-Qorti qed taghmlu wara li hadet in konsiderazzjoni s-segwenti:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat;

2. L-apologija tal-istess imputat u l-offerta ta` risergiment tad-danni;

3. Il-fatt illi l-imputat qed jahdem u ghalhekk ma ghandux ikun ta` piz fis-socjeta`;

4. Ir-rapport ta` Joseph Mizzi li jesprimi fiducja fil-futur tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------